# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Numru 26

Data tal-laqgħa: 28 ta' Jannar 2021

Il-laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan nżammet *online* permezz ta' *Skype,* nhar il-Ħamis, 28 ta' Jannar 2021 fl-4.00pm.

### PREŻENTI:

Nutar Ian Spiteri – Sindku
Dr Angelo Micallef – Viċi Sindku
Stephen Gatt – Kunsillier
Mary Louise Briffa – Kunsillier
Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Ma kien hemm ebda membru assenti b'apoloġija.

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Is-Sindku, in-Nutar Ian Spiteri ippresjeda l-laqgħa.

## 26.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

26.1.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 26.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

26.2.1 Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdu l-Minuti ta' Laqgħa Nru. 25 u tal-Laqgħa tal-Lokalità Numru 3. Kopja tal-minuti ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

26.2.2 Is-Sindku staqsa jekk hemmx xi korrezzjoni tal-minuti. Fuq proposta tal-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt, il-minuti ġew approvati unanimament.

## 26.3 Punti li joħorġu mill-Minuti

26.3.1.1 <u>Para 25.7.4 – *Green Wall*</u>
Dwar it-talba biex isir *green wall* mal-ħajt tal-Kunvent f'Wesgħa Profs. Aquilina, is-SE infurmat li l-Kunvent m'approvawx li jitħawlu *creepers* mal-ħajt peress li dawn jistgħu jkunu ta' periklu minħabba li persuna tista' tixxabbat u taqbeż għal Dar Merħba Bik, kif ukoll li l-ħamrija tista' tagħmel ħsara lill-ġebla.

26.3.1.2 Is-Sindku irrimarka li din hija t-tielet talba li l-Kunsill għamel u kollha ġew irrifjutati mill-Kunvent. Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li ntellgħu *post* fuq il-paġna ta' Facebook tal-Kunsill fejn jiġi spjegat għalxiex mhux se jsir dan il-proġett. Il-Kunsill qabel.

26.3.2 <u>Para 25.10 – Buontempo Estates</u>
Is-SE infurmat lir-*road marking*s saru kollha, għalhekk it-tabelli *'No Entry except for residents and service vehicles'* ġew imneħħija.

26.3.3 <u>Para 25.11.6 - Talba għal *barrier* fi Triq Birbal</u>
Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk hemmx risposta fuq it-talba biex issir *barrier* fi Triq Birbal. Is-SE infurmat li din it-talba ma ġietx approvata minn TM peress li l-bankina dejqa.

## 26.4 Komunikazzjoni mis-Sindku

26.4.1 <u>Arbli tad-dawl bis-sadid</u>
Is-Sindku qal li hemm numru ta' arbli perikolużi għax kollhom sadid speċjalment man-naħa t'isfel. Is-SE infurmat li diġà ġie rrapportat arblu fi Triq San Franġisk lill-Enemalta. Is-Sindku ser jinfurma bil-postijiet l-oħra ta' fejn minn dawn l-arbli sabiex jiġu rrapportati kollha.

26.4.2 <u>Tabelli fi Triq Birbal</u>
Is-Sindku infurma li fi Triq Birbal hemm numru ta' tabelli ċċaraw u m'għadhomx jidhru. Tabelli partikolari li hemm bżonn jinbidlu huma taz-*zebra crossings*. TM ser jiġu nfurmati.

26.4.3 <u>Ħmieġ tal-klieb</u>
Is-Sindku talab għal aktar infurzar peress li dawn l-aħħar ġranet żdied il-ħmieġ tal-klieb fuq il-bankini. L-ilment ser jgħaddi għand il-LESA sabiex jinfurzaw.

26.4.4 <u>Karozza abbandunata</u>
Is-Sindku infurma lill-Kunsill li fi Triq Balaguer hemm karozza abbandunata mingħajr numri pparkjata fi *drive-in* u parti minnha qiegħda tostakola l-bankina. Il-każ ser jerġa' jiġi rrapurtat l-għassa u nitolbu li l-karozza tiġi ttowjata.

26.4.5.1 <u>Toroq li se jsiru minn IM</u>

Wara li deher avviż fil-Gazzetta tal-Gvern fejn IM infurmaw li biex ma jsirx parkeġġ fi Triq Ġuże' Bonnici, minħabba li se ssir it-triq, is-SE infurmat li infurmat lill-TM li kien hemm arranġament li jsiru toroq oħra peress li din it-triq kienet saret mill-Kunsill ftit tas-snin ilu. Is-SE qalet li IM qed jikkonfermaw li din it-triq mhux ser ssir u għadhom ma nfurmawniex jekk hux ser isiru toroq oħra minflok.

26.4.5.2 Il-Viċi Sindku staqsa dwar jekk il-Kunsill għandux informazzjoni dwar meta ser issir il-parti t'isfel ta' Wied Ħal Balzan (sa fejn Costa Coffee). Is-SE wieġbet fin-negattiv u ser tibgħat *email* għal *feedback*.

26.4.6 <u>Għassa tal-Pulizija</u>

Is-Sindku qal li dan l-*item* se jerġa' jitqajjem għada l-Ġimgħa, fil-laqgħa ta' kull xahar li jsir mal-pulizija. Jekk il-Kunsill jibqa' mingħajr tweġiba, il-Kunsill qed jikkonsidra li jitlob għad-devoluzzjoni tal-binja tal-għassa ta' Ħal Balzan.

26.4.7 <u>*Community Policing*</u>

Il-Viċi Sindku ssuġġerixxa li l-Kunsill jibgħat lill-Ministeru tal-Intern sabiex jistaqsi dwar meta dan is-servizz ser jiġi estiż fil-lokalità tagħna. Is-Sindku qal li dwar dan diġà staqsa lis-Supretendent tad-distrett, fejn qallu li għalissa, Ħal Balzan mhix waħda mil-lokalitajiet li ser jiġi ntrodott dan is-servizz fil-*Pilot Project* li jmiss.

## 26.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera

26.5.1 Il-Viċi Sindku infurma li llum ma setax jirrappreżenta lill-Kunsill fil-laqgħa urġenti tar-Reġjun peress li kienet qed issir fl-istess ħin ta' din il-laqgħa.

## 26.6 Rapporti

26.6.1 Għal din il-parti tal-laqgħa, ingħaqad l-*accountant* tal-Kunsill, is-Sur Mark Debono.

26.6.2.1 <u>Estimi Finanzjarji 2021</u>

L-Estimi Finanzjarji għas-sena 2021, kif approvati fl-aħħar laqgħa, ġew ippreżentati lill-Kunsill fil-*format* skont ir-regolamenti finanzjarji. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

26.6.2.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Stephen Gatt, li kien issekondat mill-Kunsillier Mary Louise Briffa, l-Estimi Finanzjarji 2021 ġew approvati unanimament.

26.6.3.1 <u>Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart minn Jannar sa Diċembru 2020</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għar-raba' kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet lill-Kunsill.

26.6.3.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

26.6.4.1 <u>Rapport Finanzjarju għas-sena 2020</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-Rapport Finanzjarju għas-sena 2020. Kopja ngħatat lil kull kunsillier qabel il-laqgħa. L-*accountant* ta xi spjegazzjonijiet u irrisponda xi mistoqsijiet li kellhom il-Kunsilliera.

26.6.4.2 Fuq proposta tal-Kunsillier Dott. Oliver Nicholas De Gaetano, li kien issekondat mill-Viċi Sindku Dott. Angelo Micallef, dan ir-rapport ġie approvat unanimament.

26.6.5.1 <u>*Tender for the Services of a Handyman* – BLC 01/2020 - Aġġudikazzjoni</u>

Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapport tal-Evalwazzjoni tat-*Tender for the Services of a Handyman* – BLC 01/2020.

26.6.5.2 Il-Kunsill unanimament qabel li jilqa' ir-rakkomandazzjoni tal-Bord tal-Evalwazzjoni li għandha tintgħażel l-irħas offerta konformi fil-parti Amministrattiva, Teknika u Finanzjarja ta' Mario Cini u għaldaqstant dan ir-rapport ġie approvati.

## 26.7 *Performance Bonus* għas-sena 2020 lis-Segretarju Eżekuttiv u l-Ħaddiema Klerikali

26.7.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill ir-rapporti tal-*performance* għas-sena 2020 tas-SE u l-ħaddiema klerikali. Is-SE irrakkomandat li, l-ħaddiema klerikali jingħataw il-massimu ta' 6%.

26.7.2 Il-Kunsill iddiskuta r-rapporti tal-Uffiċjal Eżekuttiv, tal-iskrivan li rtira u tal-iskrivana l-ġdida. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 6% tas-salarju lit-tliet impjegati.

26.7.3 Il-Kunsill iddiskuta r-rapport tas-SE fil-preżenza tagħha. Il-Kunsill unanimament approva *performance bonus* massimu ta' 10% tas-salarju.

## 26.8 Skemi Finanzjarji maħruġa mill-Kunsill Reġjonali Ċentru

26.8.1 Skema Finanzjarja Numru 8/2020 – Għajnuna għall-għaqdiet fil-lokalitajiet fi ħdan il-Kunsill Reġjonali Ċentru
Is-SE infurmat lit-tliet (3) Każini wrew l-interess tagħhom li jipparteċipaw f'din l-iskema. Għalhekk il-Kunsill qabel li l-ammont ta' €2,000 jinqasam u kull Każin se jibbenefika minn €666.67c.

26.8.2.1 Skema Finanzjarja Numru 10/2020 – Proġett fil-Komunità
Is-SE fakkret li l-Kunsill jista' japplika għal din l-iskema sal-31 ta' Marzu 2021, fejn il-Kunsill Reġjonali Ċentru ser ikun qed jirrifondi lura sa massimu ta' €3,000 biex isir proġett fil-lokalità.

26.8.2.2 Issemmew diversi proġetti u l-Kunsill qabel li din l-iskema tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss. Ser jingħata prijorità r-restawr tal-istatwa ta' Santa Marija.

## 26.9 Tisbiħ tal-*Playing field*

26.9.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill  il-kwotazzjoni biex issir animazzjoni 3D tal-proġett mibgħuta mingħand il-Perit, li tammonta għal €2,500 (VAT eskluż). Il-Kunsill unanimament approva l-kwotazzjoni.

26.9.2 Il-Kunsill saħaq dwar l-importanza li l-Perit hemm bżonn li jkun preżenti fil-laqgħa li se ssir għall-pubbliku biex jieħu l-mistoqsijiet.

## 26.10 Proġett ta' *embellishment* fi Triq il-Qarċilla

26.10.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill il-pjanta aġġornata skond numru ta' rimarki msemmija fil-petizzjoni. Is-SE infurmat li mhux ir-rimarki kollha setgħu jiġu inklużi.

26.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u l-pjanta ġiet approvata unanimament. Is-SE ser tinfurma lill-Perit sabiex jibda l-proċess biex napplikaw għall-permess tal-PA.

## 26.11 Servizz ta' trasport għall-anzjani

26.11.1 Issa li hemm Ministru ġdid responsabbli mill-anzjani, ser tintalab laqgħa sabiex nerġgħu nibdew id-diskussjonijiet mal-Ministru l-ġdid, kif ukoll biex jiġi nfurmat li l-Kunsill interessat  li jingħata dan is-servizz għall-anzjani.

26.11.2 Il-Kunsillier Stephen Gatt issuġġerixxa li l-Kunsill jiċċekkja mal-Kunsilli ġirien tagħna (Iklin, Lija, Attard) jekk humiex interessati joffru s-servizz ta' *shuttle service* lill-anzjani tagħhom. Il-Kunsill qabel li niktbu nistaqsu lil dawn it-tliet Kunsilli.

## 26.12 SPI/SCI/01/2021 – Skema dwar Restawr ta' Postijiet / Monumenti Storiċi f'Malta 2020/2021

26.12.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/01/ mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.Il-Kunsill unanimament qabel li nerġgħu napplikaw biex tiġi rrestawrata l-istatwa ta' Santa Marija.

26.12.2 Apparti minn hekk, il-Kunsill qabel li ninfurmaw lill-Perit sabiex jibda l-proċess biex napplikaw għall-permess tal-PA.

## 26.13 SPI/SCI/02/2021 - Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f'Malta u Għawdex

26.13.1 Ġiet innutata Ċirkulari Numru SPI/SCI/02/2021 mibgħuta mid-Diviżjoni għall-Gvern Lokali.

26.13.2 Is-SE infurmat li sal-laqgħa li jmiss il-Perit se jlesti l-istima dettaljata tax-xogħlijiet u għalhekk din iċ-Ċirkulari ser tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

## 26.14 Ilmenti u *Items* oħra ta' xogħol ieħor tal-Kunsill

26.14.1 *Tender – Services for the Upkeep & Maintenance of Parks, Gardens and Soft Areas using environmentally friendly products and practices* – BLC 01/2021
Is-SE infurmat lill-Kunsill li l-kuntratt preżenti wasal biex jiskadi u għalhekk hemm bżonn li tinħareġ sejħa ġdida għall-offerti. Is-SE qalet li ppreparat id-dokument għas-sejħa għall-offerti bir-referenza BLC 01/2021. Kopja tad-dokument ingħata lil kull kunsillier qabel il-laqgħa.

26.14.1.2 Id-dokument ser jerġa' jintbagħat lill-Kunsilliera u ser jiġi approvat permezz ta' *email.* Kif jiġi approvat, is-SE tibda l-proċess biex toħroġ is-sejħa għall-offerti.

26.14.1.3 Il-Kumitat tal-Evalwazzjoni se jkun magħmul minn dawn il-membri:
Segretarju: Is-SE, Doriette Farrugia
Chairperson: Il-Kunsillier Stephen Gatt
Evalwaturi: Dr Abigail Critien (Avukat), Mark Debono (*Accountant*) u Adrian Mifsud (*Contracts Manager*)

26.14.2.1 Disponiment ta' Assi tal-Kunsill
Fuq il-mejda tal-Kunsill tqiegħdet skeda għall-approvazzjoni tal-Kunsill li turi lista ta' Assi tal-Kunsill li ser jiġi mneħħi minn fuq l-inventarju.

26.14.2.2 Il-Kunsill unanimament iddeċieda li jiddisponi mill-assi li jidhru fuq il-lista annessa (Dok 1) billi jintremew.

26.14.3 Proġett ta' pavimentar ta' diversi toroq fil-qalba tar-raħal
Is-SE infurmat li l-permess tal-PA ħareġ u huwa validu għal sena. Kif intqal fil-laqgħa tal-lokalità, għad m'hemmx fondi tal-EU *available* għal dawn it-tip ta' proġetti, għalhekk dan il-proġett għalissa ma jistax jiġi implimentat.

26.14.4 Talba biex isir bank fl-isqaq tal-ħamiem fi Triq il-Providenza
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat li xi residenti qed jitolbu sabiex jitwaħħal bank fl-isqaq. Ser jiġi ċċekkjat jekk hemmx post fejn jitpoġġa u inġibu xi kwotazzjonijiet.

26.14.5.1 *Overpeeding* f'toroq residenzjali
Resident qed jistaqsi jekk jistax isir xi ħaġa biex vetturi ma jgħaddux b'veloċità qawwija minn toroq residenzjali.

26.14.5.2 Il-Kunsill irrimarka li sfortunatament ma tantx hemm x'tista' tagħmel ħlief li nerġgħu ninfurmaw lill-LESA biex jinforzaw kontinwament.

26.14.6.1 *Stone bollards* fi Triq il-Kbira
Ġiet innutata r-risposta mill-*Heritage Superintendence* dwar talba ta' residenta biex jitneħħew *stone bollards* li hemm fejn il-Hudson fi Triq il-Kbira.

26.14.6.2 Qed jikkonfermaw li dawn għandhom valur storiku, però jekk dawn qed joħolqu periklu għall-*pedestrians*, il-*Heritage Superintendence* ma tara xejn ħażin li jiġu *shifted* għal x'imkien fil-viċin. Ovvjament, xogħol bħal dan għandu jkun kopert minn permess u bil-kunsens *Heritage Superintendence.*

26.14.6.3 Peress li dawn l-i*stone bollards* huma proprjetà privata, ser nibdew billi l-ewwel nitolbu l-permess ta' sid id-dar biex jiġu *shifted*.

26.14.7.1 <u>Ċirkulari SPI/SCI/07/2020 – Espressjoni ta' Interess – *Smart Solutions* għall-Immaniġġjar tal-Iskart</u>
Reġgħet ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/07/2020 mibgħuta mid-DGL. Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill numru ta' proposti mibgħuta mill-GreenPak. Ħafna mill-proposti, sfortunatament il-Kunsill m'għandux fondi biżżejjed biex jiġu implimentati.

26.14.7.2 Ser niċċekkjaw mal-GreenPak jekk l-iBins li hemm f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina għandhomx diġà l-*Waste Level Sensor.* Jekk diġà għandhom *sensor* installat, mhux ser napplikaw għal din l-iskema.

26.14.8 <u>Ċirkulari SPI/SCI/08/2020 – Espressjoni ta' Interess – Il-Belt jew ir-Raħal Kulturali għas-sena 2022</u>
Ġiet innutata Ċirkulari SPI/SCI/08/2020 mibgħuta mid-DGL. Il-Kunsill irrimarka li din hija sejħa interessenti però ma tapplikax għal-lokalità ta' Ħal Balzan.

26.14.9.1 <u>Attivitajiet għall-anzjani</u>
Il-Kunsillier Mary Louise Briffa infurmat lill-Kunsill li l-Grupp *Old Boys* infurmawha li ser jibdew jorganizzaw quddiesa kull nhar ta' Tlieta u qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistax jingħaqad magħhom fl-organizzazzjoni.

26.14.9.2 Il-Kunsill qabel li għalissa minħabba l-COVID-19 mhu ser jorganizza l-ebda attività.

26.14.10.1 <u>Siġra tal-ficus fi Buontempo Estates</u>
Resident qed jiġbed l-attenzjoni li xi ħadd ħawwel siġra tal-ficus fejn l-istatwa tal-Madonna ġewwa Buontempo Estates. Din is-siġra qiegħda sserraħ mal-ħajt tal-proprjetà tiegħu u r-resident jinsab imħasseb għax tista' tagħmillu l-ħsara peress li eżatt taħtha hemm il-*connections* tad-drenaġġ, kif ukoll bir bl-arkati.

26.14.10.2 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li nitolbu lis-sid biex jipprovdielna rapport tal-ħsara mħejji minn Perit, sabiex il-Kunsill ikun jista' jiddeċiedi fuq 'il pass li jmiss.

26.14.11.1 <u>Talba biex issir *parking bay* għal vetturi kbar</u>
Sid ta' *caravan* qed jitlob biex issir *parking bay* twila għal vetturi kbar f'Wied Ħal Balzan għax ġie mħarrek peress li l-vettura tiegħu ikbar kaxxa waħda.

26.14.11.2 Xi kunsilliera rrimarkaw li l-*caravan* fejn qiegħed ipparkjat huwa perikoluż speċjalment bil-lejl għax ma jidhirx. Apparti minn hekk, vetturi li ħerġin minn Triq il-Mitħna, bil-*caravan* ma jarawx il-vetturi li jkunu niżlin minn Wied Ħal Balzan. Is-SE infurmat li dan il-każ diġà ġie rrapportat lill-pulizija, fejn ikkonfermaw li mhu qed jikser l-ebda liġi.

26.14.11.3 Il-Kunsill iddiskuta u qabel li niktbu lis-sid u ġentilment nitolbuh jipparkjah f'Wesgħa Profs. Ġuże' Aquilina. F'din it-triq il-*caravan* ma jtellef lill-ħadd. Din il-kwistjoni terġa' tiġi diskussa fil-laqgħa li jmiss.

26.14.12.1 <u>Talba biex parti minn Triq il-Kannizzata ssir *one-way*</u>
Qed issir talba biex parti minn Triq il-Kannizzata (minn Triq il-Ferrovija l-Qadima 'l fuq) issir *one-way.*

26.14.12.2 Il-Kunsill irrimarka li TM kienu nfurmawna li applikazzjoni għal one-way trid issir bħala żona sħiħa u mhux għal triq waħda biss, apparti minn hekk, il-parti fejn qed jiġi ssuġġerit li ssir *one-way* jinżlu l-*buses* tal-iskola u ma jikkwartjawx.

26.14.13.1 <u>Plakka tal-*Heritage Trail* – Palazzo San Antonio</u>
Is-SE infurmat lir-resident qed jerġa' jitlob spjegazzjoni fuq diversi punti relatati mal-proposta tiegħu biex issir plakka tal-*Heritage Trail*.

26.14.13.2 Il-Kunsill qal li l-punti kollha minbarra punti numru 1, ġew imwieġba f'*email* dettaljati li bagħtna lir-resident. Dwar punt numru 1, jekk ma jsibx oġġezzjoni, ir-riċerki jkunu aċċessibbli għall-pubbliku fl-uffiċċju tal-Kunsill. Din hi d-deċiżjoni finali tal-Kunsill.

26.14.14.1 <u>Konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali fuq l-ambizzjonijiet ambjentali</u>
Ġiet innuta *email* minn Ambjent Malta dwar konsultazzjoni li ser tkun qed tagħmel mal-Kunsilli Lokali dwar l-ambizzjonijiet ambjentali ta' kull Kunsill.

26.14.14.2 Is-Sindku ser ikun qed jiltaqa' ma' Ambjent Malta dwar din il-konsultazzjoni.

26.14.15.1 <u>Taħriġ fl-ewwel għajnuna</u>

Ġiet innutata *email* mibgħuta minn St John Malta dwar taħriġ fl-ewwel għajnuna. Ġie rrimarkat li dan it-tip ta' taħriġ diġà ingħata qabel, apparti minn hekk minħabba l-COVID-19, il-Kunsill mhu se jorganizza l-ebda attività li tinvolvi gruppi ta' nies.

26.14.15.2 Hemm il-ħsieb li la tgħaddi din is-sitwazzjoni, jiġi organizzat taħriġ fuq *fire safety.*

26.14.16 Ċirkulari AKL 2021/008 – Parteċipazzjoni tal-Kunsilli Reġjonali / Lokali fl-*Earth Hour* 2021
Ġiet innutata Ċirkulari AKL 2021/008 mibgħuta mill-AKL. Il-Kunsill mhux ser jipparteċipa għax apparti l-*playing field* li mhux ser tintefa fil-ħin indikat, m'hemmx aktar postijiet li nistgħu nitfu.

## 26.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti

26.15.1 Is-SE ippreżentat l-iskeda ta' pagamenti nru. 01/21, li tinkludi l-ammont ta' €128.05c bħala *Petty Cash* għax-xahar ta' Diċembru 2020.

26.15.2 L-iskeda ta' pagamenti kienet proposta għall-approvazzjoni mill-Viċi Sindku Dr Angelo Micallef, li kien issekondat mill-Kunsillier Stephen Gatt. Il-Kunsill unanimament approva li jsiru l-ħlasijiet.

26.15.3 Minħabba kunflitt ta' interess dirett, il-Kunsillier Mary Louise Briffa assentat ruħha mill-approvazzjoni tal-pagament nru. 61 (transazzjoni nru. 27/21) peress li, hi flimkien mar-raġel tagħha huma l-propjetarji l-uffiċċju tal-Kunsill.

## 26.16 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss

26.16.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.10pm.

26.16.2 Il-laqgħa li jmiss se ssir nhar it-Tnejn, 22 ta' Frar 2021 fl-4.00pm. Il-Kunsilliera qablu li l-laqgħa terġa' ssir *online*.

Konfermati, illum it-Tnejn 22 ta' Frar 2021.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Nutar Ian Spiteri<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |

DOK 1

Ħal Balzan Local Council

| List of Council Assets to be disposed of as Approved at Council Meeting No. 26 of 28th January 2021 | | | | |
|---|---|---|---|---|
| | | | | |
| **Description** | **Description** | **Condition / Remarks** | **Date Purchased** | **Purchase Price** |
| | | | | |
| FRI-001 (FFF00026) | Fridge Goldstar SN-GR151FGS | Not working. Not worth fixing. | 14/07/1995 | €223.62 |

**SIGNED**

__________________

Not. Ian Spiteri
Mayor

**SIGNED**

__________________

Doriette Farrugia
Executive Secretary

Date: 28th January 2021